

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-11 ta' Marzu 2020 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Gmina Miasto Gdynia, Port Lotniczy Gdynia Kosakowo sp. z o.o., ir-Repubblika tal-Polonja**

(Kawża C-56/18 P) <sup>(1)</sup>

(Appell – Għajnuna mill-Istat – Artikolu 108(2) TFUE – Għajnuna għall-investiment – Għajnuna għat-tħaddim – Infrastrutturi tal-ajrūporti – Finanzjament pubbliku mogħiġi mill-komuni ta' Gdynia u ta' Kosakowo favur il-konverżjoni tal-ajrūport ta' Gdynia Kosakowo – Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea – Għajnuna inkompatibbli mas-suq intern – Ordni ta' rkupru tal-għajnuna – Annnullament mill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea – Formalità essenziali – Drittijiet proċedurali tal-partijiet interessati)

(2020/C 215/03)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

### Partijiet

Appellant: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Herrmann, D. Recchia u S. Noë, aġenti)

Partijiet oħra fil-proċedura: Gmina Miasto Gdynia, Port Lotniczy Gdynia Kosakowo sp. z o.o. (rappreżentanti: T. Koncewicz, adwokat, M. Le Berre, avukat, K. Gruszecka-Spychała u P. Rosiak, radcowie prawni); ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentanti: B. Majczyna u M. Rzotkiewicz, aġenti)

### Dispożittiv

- 1) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-17 ta' Novembru 2017, Gmina Miasto Gdynia u Port Lotniczy Gdynia Kosakowo vs Il-Kummissjoni (T-263/15), hija annullata.
- 2) It-tielet ilment tas-sitt motiv tar-rikors għal annullament huwa miċħud, sa fejn dan l-ilment huwa bbażat fuq ksur tad-drittijiet proċedurali tal-partijiet interessati f'dan il-każ minħabba l-fatt li dawn tal-aħħar ma tpoġġewx f'pożizzjoni li jesprim ruħhom, qabel l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1586 tas-26 ta' Frar 2015 dwar il-miżura SA.35388 (13/C) (ex 13/NN u ex 12/N) – Il-Polonja – It-twaqqif tal-ajrūport ta' Gdynia Kosakowo, dwar ir-rilevanza tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata “Linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ajrūporti u l-linji tal-ajru”.
- 3) Il-kawża qiegħda tintbagħħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea sabiex din tiddeċċiedi, minn naħħa, dwar l-aspetti tat-tielet ilment tas-sitt motiv tar-rikors għal annullament li dwarhom ma tteħħidix deċiżjoni fis-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-17 ta' Novembru 2017, Gmina Miasto Gdynia u Port Lotniczy Gdynia Kosakowo vs Il-Kummissjoni (T-263/15) u, min-naħħa l-oħra, dwar l-ewwel sal-ħames motiv tar-rikors.
- 4) L-ispejjeż huma rriżervati.

<sup>(1)</sup> ĠU C 152, 30.04.2018.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-11 ta' Marzu 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Hoge Raad der Nederlanden – il-Pajjiżi l-Baxxi) – X BV vs Staatssecretaris van Financiën**

(Kawża C-160/18) <sup>(1)</sup>

(Rinvju għal deċiżjoni preliminari – Unjoni doganali u tariffa doganali komuni – Regolament (KE) Nru 1234/2007 – Regolament (KE) Nru 1484/95 – Importazzjoni tal-laħam tat-tjur iffriżat mill-Brażil – Irkupru a posteriori ta' dazji addizzjonali fuq l-importazzjoni – Mekkaniżmu ta' verifikasi – Metodu ta' kalkolu tad-dazji addizzjonali)

(2020/C 215/04)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

### Qorti tar-rinvju

Hoge Raad der Nederlanden